MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 1698/2000/1

**Onor. Dr. Angelo Farrugia**

**vs**

**1. Dione Borg**

**2. Joe Zahra bhala editur tal-gurnal "In-Nazzjon"**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 11 ta’ Awwissu 2000 ipprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn l-attur espona: -

Illi fil-harga tal-gurnal "In-Nazzjon" tal-gurnata tal-Hamis ghaxra ta' Awwissu tas-sena elfejn (10/08/2000) fit-tieni (2) pagna taht l-istorja bit-titolu "Iridu jaharquhom!" miktub miIl-konvenuti, jew minn minnhom, fejn fost affarijiet ohra hemm miktub illi, "FI-eventwalita` li Pawlu Muscat idahhal fil-kwistjoni lil Marie Louise Coliero u lil Anglu Farnugia, dawn se ikollhom jikkunsidraw li jirrizenjaw is-siggu Parlamentari taghhom";

IIli aktar ‘l isfel l-istess storja miktuba u stampata mill-konvenuti tkompli tghid illi Marie Louise Coliero, Pawlu Muscat u Anglu Farrugia kienu f'kuntatt kontinwu ma' xulxin sa mis-Sibt filghodu tat-30 ta' Lulju (lejlet li kien pubblikat l-artikolu ta' Lino Spiteri f'The Sunday Times) u kif ukoll illi "Kemm Marie Louise Coliero u Anglu Farrugia kienu msefrin flimkien fuq xoghol fl-ahhar tmiem iI-gimgha. . .";

Illi fl-istorja msemmija l-konvenuti jghidu wkoll illi, "Huma ma jridux jaghtu x'jifhem li huma parti minn konfoffa biex jitnehha Alfred Sant, qabel l-elezzjoni li gejja";

IIli l-istorja msemmija miktuba u stampata mill-konvenuti zzid f'parti minnha illi "Pawlu Muscat hu wiehed mill-membri tal-grupp intern ta’ Marie Louise Coliero li jinkludi wkoll lid-Deputat Anglu Farrugia u IiI Margaret Camilleri, is-Segretarja Generali tan-Nisa Laburisti u anke lil Brian Hansford";

IIli l-attur huwa konness fil-politika, huwa membru fi hdan il-Malta Labour Party u kif ukoll huwa membru tal-Parlament Malti ghal Malta Labour Party;

Illi l-konvenuti allegaw fatti mhux veru dwar l-attur bl-iskop li jnaqqsu l-gieh tieghu mal-pubbliku u jwaqqghuh ghad-disprezz;

IIli l-attur ghandu dritt ghar-risarciment tad-danni skont iI-ligi tal-istampa;

Jghidu l-konvenuti ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

1 Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kitba u l-istampar fuq imsemmija huma Iibelluzi, malafamanti u ngurjuzi fil-konfront ta' l-attur u jesponuh ghad-disprezz.

2 Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur dik is-somma li l-istess Qorti tiffissa bI-applikazzjoni ta' l-artikolu 28 ta' l-Att XL ta' l-1974.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti u bl-imghax legaIi mid-data tan-notiflka tac-citazzjoni fuq l-ammont likwidat minn din l-Qorti u h'hekk il-konvenuti jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tad-9 ta’ Novembru 2000.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Borg u Zahra datata 17 ta' Ottubru 2000 (fol 11) fejn esponew : -

1. Illi l-konvenut Joseph Zahra ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju billi c-citazzjoni hija rivolta kontra l-kittieb tal-artiklu u mill-artiklu huwa ovvju u evidenti min huwa l-awtur u ghalhekk mhux il-legitiimu kontradittur.

2. Minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-pubblikazzjoni in kwistjoni tammonta ghall-'fair comment' bazat fuq fatti sostanzjalment korretti u ta' interess pubbliku.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' April 2005 (fol 37) mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn deher l-attur assistit minn Dr. Edward Gatt. Deher ukoll Dr Joseph Zammit Maempel ghall-konvenuti iddikajra li ghal din is-seduta ma resqux provi. Ghal kull *buon fini* l-partijiet ghamlu referenza ghall-verbal tas-smigh tas-26 ta' Frar 2001 fejn inghad li l-provi migbura fil-kawza 1697/00JRM jkunu jghoddu ghal din il-kawza. Il-kawza giet differita ghall-gheluq tal-provi tal-konvenut ghat-22 ta' Gunju 2005; il-verbal tas-16 ta' Marzu 2006 fejn l-Avukati tal-partijiet trattaw il-kawza u giet registrata. Il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghat-30 ta' Gunju 2006; u l-verbali tas-seduti kollha nkluz dak tas-seduta tat-12 ta' Dicembru 2012 fejn b'ordni tal-Qorti l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' April 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta’ Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma fit-30 ta’ April 2013 u fit-28 ta’ Novembru 2013 fejn b’ ordni tal-Qorti kif hekk illum presjeduta din il-kawza giet differita ghas-27 ta’ Marzu 2014 ghall-istess skop tal-verbali precedenti.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn fl-ahhar seduta tas-27 ta’ Marzu 2014, peress li l-Qorti kellha bzonn iktar zmien biex tirredigi s-sentenza minhabba impenji ta’ xoghol, il-kawza giet differita ghas-26 ta’ Gunju 2014 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Rat id-Digriet taghha tal-25 ta' Gunju 2014 fejn permezz tal-istess ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-kawza fl-ismijiet *"L-Onor.Marie Louise Coleiro v Dione Borg et"* (Cit.1697/00).

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

L-attur qed jitlob lil dina l-Qorti sabiex tiddeciedi u tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom taw malafama permezz ta' artikolu ppubblikat fil-gurnal "*In-Nazzjon*" tal-harga tal-Hamis, 10 ta' Awwissu 2000, bit-titolu intestat "*Iridu Jaharquhom*" li gie pubblikat fit-tieni (2)

pagna  tal-harga imsemmija. L-attur jghid li l-konvenuti allegaw fatti mhux veri bl-iskop li jnaqqsu l-gieh tieghu mal-pubbliku u jwaqqawh ghad-disprezz. Hu  ghalhekk qed jitlob li l-konvenuti jkunu kkundannati jhallsu somma li tigi determinata *in linea* ta' danni.

It-talbiet tal-attur gew ikkontestati mill-konvenuti. Joseph Zahra talab li jigi liberat mill-osservanza filwaqt li t-tnejn taw l-eccezzjoni ta' *fair comment.*

**Xhieda Rilevanti**

Xehed **L-On.Dr. Anglu Farrugia**[1] u qal li hass ruhu malafamat b'diversi rimarki fl-artikolu in mertu. Semma' s-segwenti:

- Li lejliet il-pubblikazzjoni tal-artikolu ta' Lino Spiteri dwar din il-kwistjoni ta' Pawlu Muscat, kien f'kuntatt kontinwu ma' l-istess Lino Spiteri, Pawlu Muscat u Marie Louise Coleiro "*dan mhu minnu xejn. Assolutament jiena l-ewwel kuntatt li kelli ma' Pawlu Muscat kien il-Hadd fl-istess gurnata tal-pubblikazzjoni."* Dan il-kuntatt sehh telefonikament peress li kien jinsab imsiefer fuq konferenza.

- Li hemm rimarka li hu qieghed f'xi konfoffa ma' xi grupp ta' konfoffa kontra Dr. Sant. "*Dan assolutament mhu xejn."*

- Li kien imsiefer Londra ma' Marie Louise Coleiro - Dan hu minnu izda hu kien qed jattendi Konferenza.

[1] Xhieda rapportata fil-process fil-kaz Cit.Numru 1697/00 a fol.27 *et.seq.*

- L-allegazzjoni li n-nies imsemmija fl-artikolu jikkonsidraw li jirrizenjaw is-siggu parlamentari. "*Jien din hassejtha li hi ingurjuza bl-iktar mod sfaccat... ma kelli l-ebda kunflitt, u dan jafu kullhadd pubblikament illi meta sar il-leadership election fin-1992 lanqas kont membru fil-Partit Laburista, jigifieri meta kien hemm il-kwistjoni bejn Alfred Sant u Lino Spiteri, meta t-tnejn hargu ghal-leadership, jien kont fil-Korp tal-Pulizija."*

- Li hu qieghed f'xi grupp intern "*Dan mhux minnu xejn. M'hemm l-ebda grupp intern li qieghed fih....dawn il-brani li semmejt poggewni ghad-disprezz kemm ma' membri fil-Partit Laburista u mal-poplu in generali, iktar u iktar anke ma' certu insinwazzjonijiet li ma jirrizultaw minn imkien."*

**In kontro-ezami** qal li jaf bl-ittra (anonima) u kien raha u dak rifless fl-artikolu jirrifletti dak li hemm fl-ittra izda qal li fl-artikolu tal-gazzetta kien hemm kummenti zejda. Qal li gurnalist kien ircieva din l-ittra u kien kellmu hu u diehel biex jiddefendi lil Pawlu Muscat quddiem il-Bord tal-Vigilanza.

Hu cahad li kien hemm xi komunikazzjoni bejnu u Lino Spiteri f'Lulju, Awwissu 2000.

Xehdet **Margaret Camilleri**[2] allura Segretarja Generali ta' l-Ghaqda Nisa Laburisti li cahdet l-allegazzjoni li tifforma parti minn xi grupp intern li qed jahdem kontra Dr Alfred Sant.

[2] Xhieda rapportata fil-process fil-kaz Cit.Numru 1697/00 a fol.36 *et.seq.*

Bl-istess mod cahad ix-xhud **Brian Hansford**[3] li kien jifforma parti minn xi grupp intern flimkien ma' l-attur, l-On. Marie Louise Coleiro, Pawlu Muscat u Margaret Camilleri. Qal li hu membru tal-ezekuttiv tal-partit izda ma rcieviex jew ra l-ittra anonima u ma jafx li intbaghtet ittra anonima. Sar jaf b'dan mill-gurnali.

Qal li, b'riferenza ghall-ittra anonima imsemmija fil-gazzetta, li "*qed taghmel hsara liz-zewg deputati..ghax huma qeghdin fil-Parlament u qed issir hsara biex ittellfilhom mill-Partit Nazzjonalista l-kredibilita' taghhom fil-Parlament u fil-partit ukoll, fil-hajja privata taghhom ukoll...*"

**Dione Borg** (fol. 28) spjega li l-artiklu inkiteb f'kuntest ta' grajjiet li kien zvela l-eks Ministru Lino Spiteri dwar rapporti ta' tbaghbis, waqt l-elezzjoni li kienet saret ghall-hatra tal-mexxej tal-Partit Laburista, Dr Alfred Sant. Ghalhekk, l-artiklu jirreferi ghal dak li kien qed isehh fil-Partit Laburista wara dak li kien zvela Lino Spiteri.

Ghalkemm l-artikolu in kwistjoni jgib il-firma tieghu, l-artikolu nhadem minn diversi gurnalisti fi hdan l-istess gurnal, u l-imsemmija ittra kien gab dettalji taghha kollega tieghu li mieghu kien kiteb l-artiklu.

Qal li fi hdan il-Partit Laburista hemm grupp ta' tmexxija li jinsabu qrib il- Kap tal-partit, liema grupp jeskludi lill-persuni msemmija fl-artiklu.

---

[3] Xhieda rapportata fil-process fil-kaz Cit.Numru 1697/00 a fol.42 *et.seq*.

Anke wara li deher l-artiklu, l-ittra baqa’ ma rahiex imma gurnalist iehor li hadem fuq l-artiklu, kien raha din l-ittra. Jaf illi l-persuni msemmija f’dak il-paragrafu jew issemmew direttament b’isimhom shih, jew inkella bl-inizjali taghhom. Ukoll il-persuni msemmija f’dak il-paragrafu ta’ l-artiklu kienu jafu qabel ma’ Lino Spiteri habbar dak li kien qed isir fl-elezzjoni tal-Kap tal-partit, dwar l-allegati abbuzi fl-istess process ta’ hatra.

Fir-rigward it-tielet paragrafu tar-raba’ kolonna ta’ l-artiklu li jibda bil-kliem *“Kemm Marie Louise Coleiro u Anglu Farrugia”* ddikjara li minn verifiki li ghamlu rrizulta li verament kienu msiefrin flimkien u ma ried jaghmel l-ebda attribuzzjoni partikolari dwar dan il-fatt. Tabilhaqq, meta Pawlu Muscat fittex lil Anglu Farrugia biex jassistih fil-kaz, Anglu Farrugia ma kienx Malta dak iz-zmien.

B’referenza ghall-ahhar paragrafu ta’ l-artiklu qal li l-erba' persuni li jissemmew huma meqjusa bhala qrib hafna ta’ xulxin fi hdan il-Partit Laburista. Fil-fatt Pawlu Muscat kien *‘canvasser’* ta’ l-attrici u kien ilu li qal lill-attrici l-istorja ta’ dak li kien sehh waqt l-elezzjoni tal-hatra tal-Kap tal-partit.

L-iskop ta’ l-artiklu kien sabiex jgharfu lill-qarrejja in generali dwar ittra li wegghet lil hafna nies.

In **kontro-ezami**, qabel li l-iskop ta’ l-ittra anonima kien *inter alia* li jaghmel hsara lill-attrici u lil Anglu Farrugia fi hdan il-Partit Laburista.

Ikkonferma li l-ittra li dwarha nkiteb l-artikolu huwa ma raha qatt (lanqas permezz ta' *tele-fax)* u l-ewwel li sar jaf bl-ittra anonima kien meta darba kien fin-*news room* u saru jafu li kienet waslet kopja ta' l-ittra anonima lill-gazzetta ohra.

Qal li kien tkellem diversi drabi mal- gurnalist tal-gazzetta *"The Malta Independent"* u cioe' Ivan Brincat dwar din l-ittra, izda qatt ma tah kopja taghha.

Hu jaf bhala fatt li dik l-ittra kienet tezisti u li t-taghrif li hemm imsemmi fl-artiklu dwar il-kontenut ta' dik l-ittra kien taghrif li wiehed jista' jorbot fuqu.

**Ivan Brincat:** xehed (fol. 41) li fis-sena 2000 kien jahdem mal-gurnal *The Malta Independent* bhala gurnalista. Qal li matul is-sena 2000 kien sab ittra anonima fuq il-*fax machine.* Ma ghandux kopja ta' dik l-ittra fil-pussess tieghu u dan peress li aktarx li ghall-habta tas-sena 2000 ma baqax jahdem mal-gazetta *The Malta Independent.* Kien halla l-ittra fil-*'files'* ta' dak il-gurnal. F'dan id-dokument, li kien twil xi tliet paragrafi biss, kien isemmi lill-Onor. Anglu Farrugia u l-Onor. Marie Louise Coleiro, pero' ma jiftakarx il-kuntest preciz, minkejja li kien wiehed negattiv.

Jidhirlu li wara li qara l-ittra kien ghaddieha lill-editur tieghu u cioe' Father Noel Grima. Il-*policy* tal-gazzetta taghhom kienet li ma jaghmlu xejn fir-rigward ta' dik l-istorja.

**Lino Spiteri** xehed (fol. 43) li hu kien ra kopja ta’ l-ittra anonima. Dan kien hames snin ilu u minn dak iz-zmien ‘l hawn ma rahiex izjed. Qal li m’ghandux kopja ta’ l-ittra. Jaf li primarjament l-ittra kienet attakk fuq il-persuna ta’ l-Onor. Marie Louise Coleiro, liema attakk ma kienx fehmu hu u kien marbut mal-fatt li kienet taf lil Dr. George Abela. L-Onor. Dr. Farrugia kien issemma’ li kien qieghed jattendi xi konferenza barra minn Malta.

Li jaf hu hi li l-ittra kienet negattiva. Qatt ma ghamel komunikazzjoni ma’ l-attur fuq il-kontenut ta’ l-artiklu li jirrifletti din l-ittra.

**<u>L-ewwel Eccezzjoni</u>**

Il-konvenut Joseph Zahra eccepixxa li ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju peress li c-citazzjoni hija rivolta kontra l-kittieb tal-artiklu.

Mhux ikkontestat li Joseph Zahra huwa l-editur tal-gurnal *In-Nazzjon.* Jirrizulta wkoll minn qari tal-premessi li l-attur ittenta din il-kawza kontrih f'din il-kwalita' tieghu.

Ikkonsidrat li l-eccezzjoni mqanqla mill-konvenut hija fis-sens li mhuwiex il-persuna li ghandha twiegeb ghat-talbiet attrici u ghalhekk hija kwistjoni tar-responsabbilta' tieghu fil-mertu ("***Sammut v Bell Mc Cance noe."*** - Kollezz. XXXII.ii.260 - dec. fit-12 ta' Marzu 1946).

Skont l-artikolu 23 tal-Att dwar l-iStampa (Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta) azzjoni civili tista’ ttiehed kontra l-awtur, l-editur u l-istampatur tal-kitba. Kif gie ritenut fil-kawza "***On.Agent Prim'Ministru u Ministru ta' l-Intern u tal-Gustizzja Dr. Guido Demarco v Felix Agius et."*** (App.Civ.Dec.21 ta' Ottubru 1991), il-ligi tghodd lit-tliet persuni msemmija bhala ko-awturi tar-reat (jew azzjoni).

Illi fid-dawl tal-premess, il-konvenut, bhala editur, ma jistax jigi ezonerat mir-responsabbilta' tieghu fuq il-mertu tal-kaz, anke kif inhi impostata c-citazzjoni fil-premessi u fit-talbiet taghha u ser tichad din l-eccezzjoni.

**<u>Konsiderazzjonijiet dwar id-Dritt u l-applikazzjoni ghar-Rizultanzi</u>**

Illi l-principji applikabbli f’materja ta’ libelli gew stabbiliti f’diversi sentenzi, anke dawk moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta fosthom **“Marin Hili vs Felix Agius” (**Citaz. Numru 1767/97/RCP- P.A. 3 ta’ Dicembru 1998), “**Ernest Tonna vs Felix Agius” (**Citaz. Numru 1755/97/RCP. – P.A. 21 ta’ April 1999) **u “Onor. Joseph Debono Grech vs Joseph Zahra”** (Citaz. Numru 1739/98/RCP- P.A. l-1 ta’ Lulju 1999), u **“Rev. Joseph Borg vs Felix Agius”** (Citaz. Numru 1840/97/RPC - P.A. 14 ta’ Ottubru 1999), u wkoll **“Adrian Gardner vs Joe Mifsud”** tas-17 ta Frar 2000 (Citaz. Numru. 34/98/RCP) fejn gew indikati l-binarji li ghandhom jigu segwiti skont il-gurisprudenza nostrali anke fid-dawl tal-**Kostituzzjoni ta’ Malta** u liberta` ta’ espressjoni u **tal-Konvenzjoni Ewropea tal-Bniedem,** fejn **bl-Att XIV tal-1987, illum Kap 319.**

Illi fost il-principji llum stabbiliti jinghad illi l-iktar wiehed mill-importanti huwa l-bilanc li jrid jinzamm bejn *"il-bzonn li is-socjeta` demokratika jithalla spazju sufficjenti ghal-liberta` li wiehed jikkritika u li jsemmi l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, mal-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza tar-reputazzjoni, l-unur, l-isem tajjeb, li kull persuna f'socjeta` demokratika ghandu kull dritt li jgawdi"* **("Vincent Borg vs Victor Camilleri et." -** A.C. 15 ta' Novembru 1994. - LXXVIII.II.I.372.).

Illi huwa ghalhekk car li daqs kemm hija mehtiega l-liberta` tal-espressjoni, hekk ukoll hija essenzjali u huwa wkoll dritt inalljenabbli, li wiehed jipproteggi il-fama tieghu, bil-mezzi legali kollha disponibbli.

Permezz tal-**artikolu 11** tal-Kap 248 (l-Att dwar l-Istampa) "*Ħlief kif provdut xort'oħra f'dan l-Att, kull min, b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3, jagħti malafama lil xi persuna, jista', meta jinsab ħati, jeħel multa."*

Dan l-artikolu gie ppubblikat fil-kuntest ta' dibattitu li kien qed isir fuq ir-regolarita' jew korrettezza ta' elezjonijiet ghall-hatra tal-Kap tal-Partit Laburista fis-sena 1992. Essenjalment l-artikolu jirrapporta ittra anonima li hemm qbil bejn il-kontendenti, kienet intiza biex taghmel hsara lill-persuni imsemmija fl-istess ittra, fosthom l-attur. Diversi xhieda qablu li l-ittra kienet "*negattiva"* u minn dak rapportat, jirrizulta, almenu skont ir-rapport tal-artikolist, li min kiteb l-ittra kien qed jitfa' dell fuq l-attur u jinsinwa li hu, flimkien ma' xi ohrajn, ukoll imsemmija, kienu jifformaw parti minn "*grupp intern"* li kellu l-iskop ta' kongura kontra l-allura l-Kap tal-Partit Laburista.

Dione Borg, il-konvenut, jallega fl-artikolu li din l-ittra kienet iccirkulata fost "*800 delegat tal-Partit Laburista"* izda dan ma jirrizultax ippruvat. Dan iwassal lil din il-Qorti biex tiskarta minnufih l-argument li l-artikolu ma setax jikkaguna hsara lill-attur peress li d-delegati fi hdan il-Partit tieghu kienu gja jafu bil-kontenut.

In effett, l-akbar lanjanza tal-attur hija li gie malafamat mhux biss mal-pubbliku in generali, imma mal-partit tieghu stess, li kien membru tieghu, u li tieghu kien ihaddan l-istess principji ghaliex ovvjament poggietu f'dell ta' kongura li assolutament ma kienx minnu.

Illi l-konvenuti issollevaw l-eccezzjoni ta' *fair comment,* u, fil-fehma tal-Qorti, il-qofol tal-kwistjoni huwa jekk jistax jiggustifika l-pubblikazzjoni billi jistrieh fuq is-semplici asserzjoni li rraporta dwar l-ittra anonima. Skont ix-xhieda ta' Borg "*L-iskop ta' l-artiklu kien sabiex jgharfu lill-qarrejja in generali dwar ittra li weggghet lil hafna nies."*

Mill-kontenut rapportat, din l-ittra indubbjament hija malafamanti u ingurjuza, almenu hekk jirrizulta mill-artikolu in mertu. Dan partikolarment, billi, kif xehed l-attur, l-ittra tghid li huwa kien f'xi "konfoffa" ma xi grupp ta' nies; li kien f'komunikazzjoni ma' xi persuni ohra imsemmija flimkien ma' (l-eks Ministru) Lino Spiteri, lejlet il-pubblikazzjoni ta' artikolu ta' Lino Spiteri f'gurnal iehor lokali, fejn saret allegazzjoni ta' tbaghbis fil-vot ghall-Kap tal-Partit; li hu kien imsiefer flimkien mal-On. Marie Louise Coleiro; u li nies imsemmija fl-ittra ghandhom jikkonsidraw li jirrizenjaw is-siggu parlamentari taghhom. Dwar dan ta' l-ahhar l-attur qal "*hassejtha li ingurjuza bl-iktar mod sfaccat... ma kelli l-ebda kunflitt, u dan jafu kulhadd pubblikament illi meta sar il-leadership election fin-1992 lanqas kont*

*membru fil-Partit Laburista,..."* L-attur cahad kull addebitu u nnega li l-fatti rapportati kienu minnhom.

Ma hemmx dubju li din l-ittra fiha diversi insinwazzjonijiet, filwaqt li l-addebitu ta' *konfoffa* hija akkuza serja. Hawnhekk il-Qorti ssib li l-konvenut naqas mir-responsabbiltajiet tieghu bhala gurnalist ghal diversi ragunijiet.

Din l-ittra qatt ma giet prodotta ghal verifika dwar l-akkuratezza ta' dak rapportat fl-artikolu. Kif johrog mill-provi, l-ittra kienet sahansitra intbaghtet lill-gurnal iehor, *The Malta Independent,* izda l-editur ghazel li ma jippubblikahiex.

Iktar sorprendenti hija l-affermazzjoni ta' Dione Borg li qatt ma ra l-ittra izda strah fuq informazzjoni li rcieva gurnalist iehor "*li hadem fuq l-artiklu, kien raha din l-ittra*." Dan il-gurnalist, li skont il-konvenut kien ko-awtur tal-artikolu, qatt ma gie identifikat u wisq inqas prodott biex jixhed. F'din l-inkwadratura l-artikolu jiehu xejra ta' *hearsay*, izda minn imkien ma nsibu msemmi fl-artikolu li din l-ittra ma kenitx fil-pussess tal-gurnal. Anzi jghid "*In-Nazzjon irnexxielu jikseb id-dettalji ta' din l-ittra anonima..."* Il-qarrej ordinarju hu indott biex jemmen li dak li qed jigi rapportat jirrizulta bhala fatt mill-ittra anonima mentri lanqas dan ma seta' jikkonfermah bhala fatt il-konvenut.

**Ivan Brincat,** allura gurnalist ma' *The Malta Independent,* ukoll ma setax jikkonferma l-kontenut tal-ittra u kemm hu, kif ukoll Lino Spiteri, xehdu biss li kienet "*negattiva".* L-attur, da parti tieghu, xehed li jaf bl-ittra u kien raha u dak rifless fl-artikolu jirrifletti dak li hemm fl-ittra izda qal li fl-artikolu tal-gazzetta kien hemm "*aktar zieda ....u kummenti*

*zejda.....L-uniku haga li nista' nghidlek hi li kien hemm gurnalist li rceviha u dakinhar li kont qieghed diehel biex niddefendi lil Pawlu Muscat il-Kalkara quddiem il-Bord ta' Vigilanza kellimni fuq din l-ittra."*

***" Fair Comment"***

Minn ezami tad-dottrina u gurisprudenza, wiehed ghandu jikkonkludi li l-kumment, biex ikun gustifikabbli, irid jkun imsejjes fuq fatti ppruvati. *Inoltre* fil-gurisprudenza taghna l-malafama tista' tinghata mhux biss b'mod dirett u esplicitu, izda anke b'mod indirett jew implicitu – permezz ta' insinwazzjoni jew *innuendo* purke; huma msejsa mill-fatti ("***Dr. Gavin Gulia v David Agius et".*** *- A.C.-dec 12 ta' Lulju 2005).*

Traccata din l-eccezzjoni fid-dawl tal-gurisprudenza nsibu illi fil-kawza "***Joseph R. Darmanin vs Felix Agius***," (Qorti ta' l-Appell, 25 ta' Frar 2004) intqal li meta f'kawza ta' libell tigi eccepita d-difiza tal-'*fair comment'* jehtieg li jkunu gew pruvati l-fatti tal-libell li dwarhom l-artikolist jew l-editur ikun qed jippretendi li ghamel kumment li hu *bona fide*. Dan ghaliex, biex jinghata lok ghal dan il-mezz difensjonali l-fatti jridu jkunu veri fil-kompletezza taghhom. *"Jekk il-fatt ma hux veru, ma jistax ikun "fair" il-kumment ghax ebda "comment" ma hu "fair" jekk ikun "built on facts not truly stated" (***"Thomas W. Hedley et noe vs Emmanuel C. Tabone et"*** (Appell Kriminali 27 ta' Gunju 1953).

Dan hu sorrett ukoll mill-awturi fil-materja. **Robertson QC & Nicol QC** "***Media Law***"[4] jghidu "*The defense of fair comment protects the*

[4] Penguin, (1994*)*

*honest expression of opinion, no matter how unfair or exaggerated, on any matter of public interest ".*

Fil-kawza "***Brent Walker Group plc v Time Out Ltd"*** [1991] 2 QB 33 deciza mill-Qorti tal-Appell Ingliza, il-bazi tal- 'fair comment' giet kunsidrata minn Bingham LJ li dwarha qal is-segwenti:-

*"Thus the law has developed the rule already mentioned that comment may only be defended as fair if it is comment on facts (meaning true facts) stated or sufficiently indicated. Failing that, the comment itself must be justified."*

Dan kollu jfisser li l-gurnalist ghandu l-obbligu li jistharreg il-fatti ta' dak li qed jirraporta. Kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell fil-kaz "***L-Avukat Dr. Louis Galea vs Joe Mifsud*****,**" (dec.fit-3 ta' Frar, 2012) "*gurnalizmu investigattiv ghandu jinghata ampja protezzjoni f'socjeta' demokratika, anke jekk certi allegazzjonijiet jigu michuda minn dak milqut, il-gurnalist dejjem jibqalghu d-dritt li jinvestiga u jistharreg fuq allegazzjoni anke jekk tibqa' allegazzjoni mhux pruvata kif trid il-Ligi. F'dak li jsir gurnalizmu investigattiv serju, anke meta jirrizulta zball genwin, jista' wkoll ikun tollerat*."

Fil-kaz in ezami, il-konvenut Dione Borg ma ppruvax li kien ko-awtur ma ohrajn fir-redazzjoni tal-artikolu in ezami u b'hekk ma setax jipprova li saret il-verifika dwar il-kontenut tal-ittra kif kien misthoqq. Din il-prova kienet tinkombi fuqu kif tinkombi fuqu l-prova li l-artikolu hu rapport akkurat tal-kontenut tal-ittra - prova li ma saritx.

Izda fil-kaz in ezami, fil-fehma tal-Qorti, jidhol principju iktar fondamentali. Fil-fehma taghha l-konvenut mhuwiex gustifikat billi jistrieh biss fuq il-fatt ta' prova dwar l-ezistenza tal-ittra anonima, u jieqaf hemm. Bhala fatt il-Qorti ma tiddubitax li din l-ittra kienet tezisti (ara xhieda tal-attur stess, Ivan Brincat u Lino Spiteri).

Kif irrilevat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (per Imh. Edoardo Magri) fil-kaz "***Aldo Debono et noe v Anton Cassar***" *(*Dec. fil-15 ta' Gunju 1965*) "fil- materja ta' reati tal-Istampa biex wiehed jigi ezonerat mir-responsabbilta' ta' dak li jigi rapportat go gurnal ghandu jipprova li huwa qal il-fatti li kienu sewwa, imbaghad ihalli lill-qarrej jiggudika.*" F'dik il-kawza l-Qorti kkonsidrat li l-awtur illimita ruhu biss li jxandar l-insinwazzjoni kwerelata u ommetta cirkustanzi fondamentali. B'hekk ikkonkludiet li ma kienx in *bona fide* meta kiteb l-artikolu. Il-Qorti gharrfet li: "*Il-bona fide tal-gurnalist hija derivat ta' diversi cirkustanzi, fosthom dik li juri bil-fatt minnu allegati huma r-rizultat ta' indagni li huwa kien ghamel biex jappura l-verita', qabel ma jxandar il-kumment fuq l-istampa. Mentri l-malafede hija r-rizultat tal-ingurja jew leggerezza uzati mill-kittieb meta huwa jirrikorri ghall-falsita' tal-kliem bl-intenzjoni li jhalli impressjoni ingurjuza fuq min jaqrahom."(***Kollezz.XXXV.ii.483,732).***

**Il-Qorti tqis li l-gurnalist, fil-kaz odjern, meta rrapporta l-fatt ta' ittra anonima, mhux biss ma ghamilx l-indagni ragonevoli tieghu biex jaccerta ruhu dwar il-kontenut tal-ittra, izda, iktar minn hekk, meta naqas milli jaghmel l-icken investigazzjoni dwar il-veracita' tal-fatti allegatament imsemmija f'dik l-ittra, senjatament is-safar, komunikazzjonijiet u laqghet, u *inoltre* zied il-kummenti tieghu, ghamel tieghu l-akkuzi malafamanti u ingurjuzi u assuma r-responsabbilta' ghalihom.**

Ikkonsidrat li l-qarrej ordinarju huwa indott biex jemmen li hemm kampanja shiha kontra l-attur u l-persuni l-ohra hemm imsemmija, xprunata mill-intern tal-Partit, u bbazata fuq suspetti ta' kongura sorretta mic-cirkostanzi fattwali imsemmija fl-artikolu dwar komunikazzjonijiet u safar. Sakemm illimita ruhu ghall-rapport dwar allegati abbuzi fl-elezzjoni tal-Kap tal-Partit, il-gurnalist ma kienx ikun qed jeccedi l-limiti li trid il-ligi fl-interess pubbliku. Izda meta jghajjat "*kongura"* qed jghaddi kumment dwar il-fatti rapportati, u kien fl-obbligu li jinvestigahom.

Rigward il-figura pubblika tal-attur, hu pacifiku fil-gurisprudenza li hemm linja li l-gurnalist "*cannot cross*" ghalkemm din il-linja thalli spazju ferm aktar wiesgha fejn is-suggett tal-libell huwa politiku. Izda ghalkemm politiku jista' jkun soggett ghall-kritika anke harxa, l-artikolist *"irid, almenu sostanzjalment, jipprova l-allegazzjonijiet li jaghmel, biex ikun jista' jehles mir-responsabbilta` tieghu quddiem il-ligi* (Ara "***Il-Pulizija vs Dr. Carmelo Caruana****",* App Krim, 14 ta' Awwissu 1958 migjuba a Vol  XLII pIV p1470.)" Ara wkoll **"*Vincent Borg vs Victor Camilleri et."* - (**A.C. 15 ta' Novembru 1994. - LXXVIII.II.I.372); "***Onor. Eddie Fenech Adami et -vs- Malta Labour Party et***", 9 ta' Frar, 2007 u "***Onor. Prim Ministru Dr. Alfred Sant -vs- Onor.Dr. Austin Gatt et***", 29 ta' Ottubru 2007.

Fil-kaz "***Lingens vs Austria*** (1986)" li hija meqjusa bhala l-"*bench mark*" ghal decizjonijiet li fihom jinvolvu kummenti rigward persuni pubblici jew politici jintqal, fost affarijiet, illi *"the limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word*

*and deed by both journalist and public at large.........”* Tali principju gie ri-konfermat mill-istess Qrati fil-kaz "***Oberschlick vs Austria"*** deciz fl-1991.

Il-Qorti ghal dawn il-motivi ser tghaddi biet tilqa' l-ewwel talba attrici.

**Danni**

Bit-tieni talba tieghu, l-attur qed jitlob li l-konvenuti jkunu kkundannati li hallsu somma likwidata *in linea* ta' danni skont l-artikolu 28 tal-Att XL tal-1974 (Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta)

Il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet "***Vincent Borg vs Victor Camilleri***" et datata l-15 ta’ Novembru ta’ l-1994 fejn gie ritenut is-segwenti:

*“Id-danni li ghandha tillikwida l-Qorti ghall-hsara sofferta mill-atturi mhux soggetta ghal xi regoli bhal fil-kaz ta’ danni reali kkontemplati fil-Kodici Civili. Il-ligi ta’ l-Istampa thalli l-likwidazzjoni tal-kumpens fid-diskrezzjoni kompleta tal-gudikant b’limitu ta’ elfejn Lira Maltin, (Lm2,000), (liema limitu kien sussegwentement estiz ghall-ammont ta’ hamest elef Lira Maltin, (Lm5,000);"*

Kif inghad fid-decizjoni fl-ismijiet “***Carmel Tonna et -vs- Felix Agius et****”,* Prim’ Awla, Qorti Civili, per Imhallef J. Said Pullicino, 23 ta’ Marzu 1993, *“dawn id-danni ghandhomx jigu likwidati ‘in vacuo’, imma ghandhom jigu relatati mal-hsara li l-kitba ingurjuza setghet*

*potenzjalment tikkreja lil-libellati jew li tkun attwalment ikkagunatilhom, danni li mhux necessarjament ikunu materjali u reali, imma jistghu jkunu wkoll ta' indole morali u astratta, in kwantu jolqtu l-unur u l-fama."*

Kif tajjeb osserva d-difensur tal-konvenut, l-attur gie elett f'elezzjonijiet sussegwenti u minn dan jidher li ma sofriex hsara materjali. Anzi l-fiducja tal-eletturi tieghu ma naqqsitx. Izda b'dan il-Qorti mhix konvinta li ghandha tilqa' s-sottomissjoni li ghandha tillimita ruhha biss billi ticcertifika li l-artikolu huwa malafamanti u tieqaf hemm. Il-potenzjal ghall-hsara kienet tezisti.

Ghalhekk fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi kollha, il-Qorti tifhem li ghandha ssib bilanc bejn il-potenzjal ghad-dannu min-naha wahda, u l-fatt li d-danni attwalment ma avverrawx, min-naha l-ohra u ser tghaddi biex tillikwida ammont ta' sitt mitt ewro (€600) u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu dan l-ammont *in solidum* bejniethom.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tichad** l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, **tilqa'** t-talbiet attrici billi:-

1 **Tilqa'** l-ewwel talba attrici u tiddikjara u tiddeciedi illi l-kitba u l-istampar fuq imsemmija huma libelluzi, malafamanti u ngurjuzi fil-konfront ta' l-attur u jesponuh ghad-disprezz.

2 **Tilqa'** t-tieni talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* bejniethom sabiex ihallsu lill-attur l-ammont ta' sitt mitt ewro (€600) bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

L-ispejjez jithallsu mill-konvenuti bin-nofs kull wiehed.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------